MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tas-27 ta' Awwissu, 2008

Rikors Numru. 653/2008

**CASINO-FOR-ME LIMITED**

**vs**

**CHARTWELL GAMES (MALTA) LIMITED**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fil-25 ta’ Ġunju, 2008, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, r-rikorrenti Chartwell Games (Malta) Limited (aktar ’il quddiem imsejħa “l-eżekutata”) talbet li din il-Qorti (a) tħassar il-Mandat kawtelatorju ta’ Sekwestru maħruġ kontriha mill-intimata eżekutanti Casino-For-Me Limited (aktar ’il quddiem imsejħa l-“eżekutanti”) fis-17 ta’ Ġunju, 2008, għall-finijiet tal-artikolu 836(1)(d) u (f) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta; u (b) tikkundanna lill-istess eżekutanti tħallasha d-danni li qiegħda ġġarrab għall-finijiet tal-artikolu 836(9) tal-istess Kodiċi, (ċ) tikkundannaha tħallasha penali għall-finijiet tal-artikolu 836(8) tal-istess Kodiċi u (d), fin-nuqqas li tħassar

il-Mandat, li tordnalha tressaq garanzija xierqa biex tagħmel tajjeb għad-danni mġarrba mir-rikorrenti eżekutata minħabba dak il-Mandat, u, fin-nuqqas ta' l-għoti ta' din il-garanzija, li tħassar il-Mandat;

Rat id-degriet tagħha tas-26 ta' Ġunju, 2008, li bih ordnat in-notifika lill-intimata eżekutanti u appuntat ir-Rikors għas-smigħ tal-4 ta' Lulju, 2008;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimata eżekutanti fit-3 ta' Lulju, 2008, li biha laqgħet għat-talbiet tal-eżekutata billi qalet li l-Mandat inħareġ wara ksur ta' ftehim min-naħa tal-istess eżekutata u li l-kalkolu tal-ħsara mġarrab minħabba dak il-ħsur kien rifless b'mod ċar fil-pretensjoni tal-Mandat;

Semgħet ix-xhieda ta' Michael Spiteri Bailey f'isem l-eżekutata;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti tal-Mandat kawtelatorju li għalih jirreferi r-Rikors tal-lum;

Rat id-degriet tagħha tal-4 ta' Lulju, 2008, li bih ħalliet il-kawża għall-provvediment;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni maħsuba taħt l-artikolu 836 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Ir-rikorrenti trid li jitneħħew l-effetti ta' Mandat kawtelatorju ta' Sekwestru maħruġ kontriha mill-eżekutanti fis-17 ta' Ġunju, 2008;

Illi r-raġunijiet imressqin mir-rikorrenti huma: (a) li l-ammont mitlub fil-Mandat mhux *prima facie* mistħoqq jew huwa eċċessiv; u (b) li fiċ-ċirkostanzi, m'huwiex raġonevoli li l-Mandat jibqa' fis-seħħ;

Illi, b'żieda mat-talba għat-tħassir tal-Mandat, ir-rikorrenti qiegħda titlob ukoll li l-eżekutanti tiġi kundannata tħallasha penali minħabba l-ħruġ tal-istess Mandat, flimkien mad-

danni biex jagħmlu tajjeb għall-ħsara li seħħet minħabba l-ħruġ tal-Mandat. Talbet ukoll lill-Qorti biex tagħti żmien lill-eżekutanti biex tressaq garanzija tajba biex tagħmel tajjeb għall-ispejjeż u d-danni mġarrba, fi żmien li l-Qorti tiffissalha għal dan il-għan, u, fin-nuqqas li tagħmel dan f'dak iż-żmien, biex tordna li l-Mandat jitwaqqa';

Illi, kif ingħad bosta drabi fi proċeduri bħal dawn, l-istħarriġ li għandha tagħmel il-Qorti huwa biss wieħed *prima facie* u dan għaliex il-mertu jmissu jiġi mistħarreġ fil-kawża proprja bejn il-partijiet[1]. Għalhekk, hija l-fehma tal-Qorti li m'huwiex meħtieġ li tifli fil-mertu l-kwestjonijiet li nqalgħu bejn il-partijiet u li wasslu għall-ħruġ tal-Mandat. Bħala fatt jirriżulta li dak inhar li tressaq il-Mandat u flimkien miegħu, l-eżekutanti fetħet kawża kontra l-eżekutata[2] li sejra tinstema' minn din il-Qorti;

Illi minn dak li jirriżulta mill-atti u li huwa rilevanti għad-determinazzjoni ta' dawn il-proċedimenti, joħroġ li l-Mandat relattiv inħareġ kontra r-rikorrenti eżekutata fis-17 ta' Ġunju, 2008[3], u kien notifikat lil ħames sekwestratarji – ilkoll banek kummerċjali lokali. Il-Mandat inħareġ dwar "sorti" ta' €560,000 u b'kawżali li tgħid li dik is-somma tirrappreżenta "ammont dovut in kwantu danni sofferti mis-sekwestrant" dwar liema danni jissemma li tressqet ukoll pretensjoni kontestwali fis-sura ta' Rikors Maħluf flimkien mal-Mandat. Ir-relazzjonijiet bejn iż-żewġ partijiet kienu ragolati bi ftehim ta' "*Software Development and License*" magħmul fit-28 ta' April, 2006[4]. L-eżekutanti tgħid li l-eżekutata naqset li twettaq dak li kienet intrabtet li tagħmel skond l-imsemmi ftehim fl-okkażjoni meta l-istess eżekutanta waqqfet il-kuntratt b'seħħ mis-27 ta' Frar, 2008[5];

Illi l-Qorti issa sejra tgħaddi biex tqis l-aspetti ta' dritt li jsawru l-każ u dan skond il-kawżali speċifiċi tal-liġi li fuqhom ir-rikorrenti ssejjes it-talbiet tagħha. Qabel xejn,

[1] Ara P.A. RCP **7.2.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Visa Investments Ltd. vs Blye Engineering Co. Ltd***
[2] Rik. Nru. 624/08JRM
[3] Dok "A", f'paġġ. 5 – 8 tal-atti
[4] Dok "A" f'paġġ. 4 sa 19 tal-atti tal-Kawża 624/08JRM
[5] Dopk "A", f'paġ. 15 tal-atti

għandu jingħad li dak li din il-Qorti trid tasal għalih f'din il-proċedura m'għandu bl-ebda mod jitqies li jkun qiegħed isir xi ġudizzju fil-mertu dwaru. L-istħarriġ meħtieġ fi proċedura bħal din huwa marbut ma' eżami x'aktarx formali tal-att li tiegħu qiegħed jintalab it-tħassir. Il-Qorti għandha tistħarreġ li r-rekwiżiti mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat jidhru mill-att innifsu u li dan ma nħariġx b'mod abbużiv[6];

Illi r-rikorrenti ssemmi żewġ kawżali li dwarhom tistenna li t-talbiet tagħha jiġu meqjusa:

A) Jintwera li fiċ-ċirkostanzi m'huwiex raġonevoli li l-mandat jinżamm fis-seħħ jew li huwa ġustifikabbli [Art. 836(1)(f)]. Jidher li din hija l-kawżali ewlenija li fuqha r-rikorrenti eżekutata ssejjes it-talba tagħha għat-tħassir tal-Mandat. Hija tgħid li l-Mandat huwa għal kollox fieragħ u ttenni li huwa manifestament irraġonevoli li l-Mandat jitħalla fis-seħħ meta wieħed iqis ir-raġunijiet imfissrin lill-istess intimata eżekutanti f'ittra mibgħuta lilha fid-9 ta' Mejju, 2008[7];

Illi f'dan il-kuntest biżżejjed jingħad li jekk, 'il quddiem, il-Qorti li ser tqis il-kwestjoni fil-mertu tasal għall-fehma li l-eżekutanti m'għandhiex jedd għall-ħlas minnha pretiż, xorta waħda ma jistax jingħad li l-Mandat ma kienx ġustifikat. Is-suċċess jew telfien ta' kwestjoni fil-mertu ma tista' qatt tfisser li Mandat kawtelatorju nħareġ b'mod vessatorju jew fieragħ[8]. Allura, fil-fehma ta' din il-Qorti, il-kwestjoni ta' jekk huwiex raġonevoli li Mandat kawtelatorju jinżamm fis-seħħ jew jekk huwiex meħtieġ jew ġustifikabbli li tali Mandat jinżamm fis-seħħ ma tiddependi xejn mill-eventwali ċaħda tal-kawżali fil-mertu tat-talbiet tal-intimat eżekutat;

Illi jekk il-Qorti tilqa' dak li jissemma f'dik l-ittra, tkun qiegħda tidħol fil-mertu tal-każ. Minbarra dan, il-verżjoni tal-eżekutata f'dik l-ittra hija kontestata mill-verżjoni tal-

---

[6] Kumm GMA **23.6.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul Ħili et vs Dr. Joselle Farruġia noe et*** (mhix pubblikata)
[7] Ara d-dokument f'paġġ. 3 – 4 tal-atti
[8] Ara, per eżempju, PA JSP **10.1.1992** fil-kawża fl-ismijiet ***Spiteri vs Camilleri*** u P.A. RCP **30.5.2002** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Yorkie Clothing Industry Limited vs Dr Lilian Calleja Cremona***

eżekutanta f'ittra oħra tagħha tat-18 ta' April, 2008[9]. Minbarra dan, l-eżekutanti wriet li l-eżekutata hija kumpannija sussidjarja[10] ta' kumpannija ewlenija barranija li m'għandhiex assi f'Malta[11], għalkemm ir-rikorrenti eżekutata nnifisha jidher li għandha operazzjonijiet kummerċjali rilevanti f'Malta u qiegħda taħseb biex twettaq oħrajn ukoll li minnhom tistenna dħul ta' ċertu konsistenza[12];

Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti ma ssibx li r-rikorrenti seħħilha tagħti raġuni tajba għaliex il-Mandat għandu jitħassar fuq din il-kawżali;

B) <u>L-ammont mitlub m'huwiex *prima facie* ġustifikat jew hu eċċessiv</u> [Art. 836(1)(d)]. Din il-kawżali tidher li hija addizzjonali għal dik ewlenija tal-argument tal-eżekutata. Hija tqis li l-Mandat inħareġ bħala "magna ta' estorsjoni" bla ma kien hemm ħtieġa għalih għaliex ma kien hemm l-ebda ħlas x'isir lill-eżekutanti;

Illi l-Qorti tifhem li l-kejl li għandu jittieħed biex jitqies it-tħassir ta' Mandat kawtelatorju taħt din ir-ras huwa wieħed li jorbot il-kawżali tal-istess Mandat mal-kreditu msemmi fih. Dan ifisser li l-Qorti għandha tistħarreġ fl-ewwel lok jekk jirriżultax mad-daqqa t'għajn li l-intimat eżekutant għandu bażi ta' pretensjoni (dak li f'oqsma oħra ta' dritt jissejjaħ il-"*fumus juris*" tal-pretensjoni dedotta), u fit-tieni lok jekk wasalx biex "jillikwida" tali pretensjoni f'somma li taqbel mal-ammont minnu maħluf fil-Mandat. Wieħed m'għandu qatt jinsa li f'dan il-kuntest, il-Qorti trid tkun gwidata mill-prinċipju li d-dritt għall-azzjoni ġudizzjarja m'għandux jiġi mxejjen jew imġarrab b'leġġerezza, u l-ieħor daqstant siewi li huwa dritt li persuna tħares l-interessi tagħha fil-milja tagħhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jiġi definit minn Qorti[13];

Illi r-rikorrenti eżekutata, madankollu, tissottometti li l-ilment tagħha taħt din il-kawżali jinbena fuq il-fatt li wkoll

[9] Dok "E", f'paġ. 36 tal-atti
[10] Dok "F", f'paġ. 37 tal-atti
[11] Dok "Ġ", f'paġ. 38 tal-atti
[12] Ara Dok "MSB", f'paġġ. 39 sa 51 tal-atti
[13] Ara P.A. RCP **29.11.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Vincent Merċieca vs George Galea***

kieku wieħed kellu jsib li l-eżekutanti kellha raġun, l-ogħla *quantum* tad-danni li din kellha jedd tippretendi hu, bis-saħħa tal-ftehim innifsu[14], limitat għal ammont partikolari, jekk mhux saħansitra mneħħi għal kollox[15];

Illi hija l-fehma tal-Qorti li biex ammont mitlub f'Mandat kawtelatorju jitqies bħala wieħed "eċċessiv", irid jintwera li bejn il-jedd pretiż u l-ammont maħsub li jħares dak il-jedd ikun hemm nuqqas ta' qbil lampanti li s-sens komun u ċ-ċirkostanzi tal-każ ma jistgħux iżewġu ma' xulxin. Il-fatt li ammont mitlub f'Mandat kawtelatorju ikun jidher li huwa xi ftit ogħla minn dak li, mad-daqqa t'għajn, jidher xieraq, ma jwassalx tabilfors għat-tħassir tal-Mandat li jkun iżda, l-iżjed, għat-tnaqqis tal-ammont sekwestrat[16]. Minħabba li l-artikolu 836(1) jirreferi għat-tħassir "għal kollox jew f'parti minnu" tal-Mandat, tali tnaqqis jista' jkun ukoll wieħed mir-rimedji li l-Qorti tista' tagħti lill-parti eżekutata fi proċedura bħal din;

Illi f'dan il-każ l-intimata eżekutanti fissret sewwa u b'mod raġonevoli kif waslet għas-somma tal-pretensjonjiet tagħha. Dwar dak l-eżerċizzju, din il-Qorti ma ssib xejn xi tmaqdar, u żgur m'hijiex se' tidħol fir-reqqa tal-ġustifikazzjoni ta' dawk l-ammonti f'dan l-istadju tal-proċedura. Min-naħa l-oħra, u dejjem fuq bażi tal-*prima facie* li tikkaratterizza l-proċedura preżenti, hemm il-klawsola kontrattwali li tillimita l-ogħla ammont ta' dannu li kull waħda mill-partijiet fuq il-ftehim tista' titlob fil-konfront tal-oħra. Hawn ukoll, bla ma l-Qorti qegħda tippronunzja ruħha dwar ir-rabta ta' dik il-klawsola fuq il-pretensjoni dedotta mill-eżekutanti fl-atti tal-kawża fil-mertu, din il-Qorti jidhrilha li dik il-klawsola toħloq ċirkostanza rilevanti dwar il-kawżali tal-eċċessivita' tal-pretensjoni tal-intimata eżekutanti fil-Mandat;

Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti jidhrilha li għandha tilqa' t-talba tar-rikorrenti eżekutata f'biċċa minnha u dan billi tordna li l-ammont miżmum bis-saħħa tal-Mandat tkun fis-somma ta' erbgħin elf euro (€40,000), iżda mill-bqija żżomm fis-seħħ l-istess Mandat;

---

[14] Ara Klawsola 13(2) tal-ftehim
[15] Klawsola 13(1) tal-ftehim
[16] Ara, per eżempju, PA GV **6.12.1999** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Salvino Farruġia noe vs Exalco Holdings Ltd.***

Illi r-rikorrenti eżekutata talbet ukoll tliet rimedji alternativi għat-tħassir, jew tħassir in parti, tal-Mandat ta' Sekwestru taħt eżami. Talbet l-ewwelnett il-kundanna tal-intimata eżekutanti għall-ħlas ta' penali[17]; talbet ukoll it-tqegħid min-naħa tal-intimata eżekutanti ta' garanzija xierqa biex tagħmel tajjeb għad-danni li l-istess rikorrenti tista' turi li sejra ġġarrab minħabba l-Mandat[18], u talbet il-kundanna tal-intimata eżekutanti għad-danni[19]. Il-Qorti sejra issa tipprovdi dwar dawn it-talbiet;

Illi <u>dwar il-kwestjoni tal-impożizzjoni tal-penali</u>, irid jingħad li din hija sanzjoni fakoltativa. Il-Qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, <u>tista'</u> taqbel li tgħabbi lil min ikun ħareġ Mandat kawtelatorju kontra persuna, u fuq talba ta' din, b'piena ta' ħlas ta' penali. Minbarra li tali impożizzjoni hija fakultativa, irid jintwera għas-sudisfazzjon tal-Qorti li trid tkun seħħet waħda miċ-ċirkostanzi maħsubin mil-liġi biex tali sanzjoni tiġi imposta. Erbgħa (4) huma ċ-ċirkostanzi maħsuba mil-liġi f'dan ir-rigward u, ladarba huma sanzjoni punittiva, għandhom jitqiesu strettament bħala tassattivi[20]. F'dan il-każ, ir-rikorrenti ma ssemmi l-ebda waħda mill-erba' kawżali maħsuba. B'mod vag tallega biss li l-Mandat inħareġ b'mod fieragħ u abbużiv bħala estorsjoni;

Illi dwar din iċ-ċirkostanza, ir-rikorrenti tgħid li l-ħruġ tal-Mandat kien malizzjuż, frivolu u vessatorju. Il-Qorti tqis li diġa' ntwera li bl-ebda tiġbid tal-immaġinazzjoni ma jista' jingħad li l-Mandat inħareġ bi ksuħat jew mingħajr ma kien hemm għalfejn. Dan iġib l-effett li ma jistax jingħad li l-Mandat inħareġ b'ħażen, jew għal raġuni fiergħa jew inkella bil-ħsieb biss li jdejjaq lir-rikorrenti. Minbarra dan, il-Mandat inħareġ wara li l-istess rikorrenti eżekutata kienet uriet bla tlaqliq u bil-mezz ta' ittra interpellatorja li hija kienet qiegħda tippretendi ħlas;

Illi l-Qorti, f'dan l-istadju u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet diġa' magħmula iżjed 'il fuq ma jirriżultawx iċ-ċirkostanzi

[17] Taħt l-art. 836(8) tal-Kap 12
[18] Taħt l-art. 838A tal-Kap 12
[19] Taħt l-art 836(9) tal-Kap 12
[20] Ara P.A. TM **13.3.2003** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Cole Foods Ltd. vs Euro Imports Ltd.***

għall-impożizzjoni tal-penali minħabba l-ħruġ tal-Mandat[21]. F'dan il-każ, il-Qorti sejra timxi wkoll fuq il-massima li l-bona fede hija preżunta u li l-ħażen irid jiġi ippruvat[22];

Illi, għalhekk, fid-dawl taċ-ċirkostanzi kollha li joħorġu mill-atti, u wara li l-Qorti ħasbet sewwa u fit-tul fuq il-kwestjoni, ma jidhirx li huwa l-każ fejn l-intimata eżekutanti għandha tkun kundannata tħallas penali. Dan, naturalment, jingħad dejjem bla ħsara għal kull jedd talvolta spettanti lill-istess rikorrenti li 'l quddiem u fis-sedi opportuna tressaq pretensjonijiet kif imiss jekk, wara l-kawża fil-mertu, jirriżultaw fatti li din il-Qorti f'dan l-istadju ma tafx bihom jew li dwarhom dik il-Qorti kompetenti tasal f'fehmiet preċiżi għar-rigward;

Illi dwar il-<u>kwestjoni tal-għoti tal-garanzija mill-intimata eżekutanti</u>. F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti naqset li tressaq xi sottomissjoni partikolari, jew li ssemmi raġuni għaliex il-Qorti għandha tilqa' din it-talba tagħha;

Illi hawnhekk irid jingħad li l-Qorti tfisser l-applikazzjoni tal-artikolu partikolari tal-liġi bħala wieħed alternattiv għat-talba għat-tħassir tal-Mandat. Kemm hu hekk, id-dispożizzjonijiet tal-artikolu tal-liġi dwar l-għoti ta' garanzija min-naħa tal-eżekutant huma mqegħda f'artikolu differenti minn dak li jitkellem dwar it-tħassir tal-Mandat. Il-Qorti hija tal-fehma, għalhekk, li r-rimedju tal-għoti tal-garanzija huwa alternattiv għat-talba tat-tħassir tal-Mandat, u anzi jista' jingħata biss jekk kemm-il darba t-talba għat-tħassir tal-Mandat ma tintlaqax kollha jew imqar in parti, jiġifieri sakemm il-Mandat ikun b'xi mod għadu fis-seħħ[23]. Li kieku ma kienx hekk, l-aħħar erba' kelmiet tal-artikolu partikolari kienu jkunu ddaħħlu fil-liġi għalxejn;

Illi minbarra dan il-liġi trid ukoll li lill-Qorti tintwera "kawża ġusta" biex twassalha tqiegħed fuq il-parti eżekutanti ta' Mandat kawtelatorju l-piż li toffri garanzija tajba. Il-fatt

---

[21] P.A. TM **5.6.2003** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Emanuel Sammut et vs Josephine Sammut***
[22] Ara, per eżempju, App. Ċiv **7.7.1920** fil-kawża fl-ismijiet ***Miller Blacker pro et noe vs Howard*** (Kollez. Vol: **XXIV.i.554**)
[23] Ara P.A. RCP **30.5.2002** fl-Atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Joseph Demicoli vs Coleiro General Supplies Ltd.***

waħdu li jkun inħareġ il-Mandat ma jitqiesx bħala "kawża ġusta" għall-finijiet ta' dan l-artikolu[24]. Irid ikun hemm raġunijiet oħrajn, iżjed serji u impellenti, li jwasslu lill-Qorti tagħti dik is-sanzjoni;

Illi ngħad ukoll li d-danni li għalihom jirreferi l-artikolu taħt eżami huma dawk li l-intimat eżekutant jista' jipprova li jkun ġarrab direttament minħabba l-ħruġ tal-att kawtelatorju[25], u dment li jikkonkorru l-elementi mitluba mil-liġi għal tali likwidazzjoni. Minbarra dan, jidher li fejn persuna ntwera li kellha raġunijiet tajba biex toħroġ Mandat kawtelatorju u l-istess Mandat la kien eċċessiv, la fieragħ u lanqas vessatorju, għaldaqstant ma jitnisslux raġunijiet la għall-kundanna għall-ħlas ta' penali u lanqas għad-danni[26] minħabba l-istess Mandat;

Illi għalhekk ma jirriżultawx il-kundizzjonijiet li bihom din il-Qorti tista' tilqa' t-talba tar-rikorrenti taħt l-artikolu 838A tal-Kap 12;

Illi jifdal li l-Qorti tistħarreġ it-talba tar-rikorrenti eżekutata għall-kundanna tal-intimata għall-ħlas tad-danni. Il-Qorti ma jidhrilhiex li talba bħal din għandha tintlaqa' bil-mod kif saret. Hija l-fehma sħiħa tagħha li talba bħal din tista' ssir biss b'azzjoni ġdida għaliha (illum il-ġurnata permezz ta' Rikors Maħluf) u mhux fil-qafas ta' rikors għat-tħassir ta' Mandat kawtelatorju. Kemm hu hekk, sa ma fl-2005 saru l-bidliet fil-liġi tal-proċedura u fl-atti li bihom jitressqu l-kawżi, l-artikolu 836(9) kien jirreferi għal "ċitazzjoni". Bil-bidla korrispondenti li saret bl-imsemmija emendi, dan ifisser li r-"rikors" li għalih illum jirreferi l-artikolu 836(9) irid ikun fis-sura tar-Rikors Maħluf maħsub fl-artikolu 156 tal-Kodiċi, li m'għandu x'jaqsam xejn mar-rikors imressaq mir-rikorrenti eżekutata f'dan il-każ;

Illi għalhekk, il-Qorti ssib li t-talba għall-kundanna tad-danni taħt l-artikolu 836(9) hija irritwali għall-finijiet tal-artikolu 164(1) tal-Kodiċi;

---

[24] Ara P.A. TM **4.10.2002** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Paul Caruana vs Rudolphe Gaerty***

[25] Ara P.A. GC **2.3.2001** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Avukat Vincent Falzon noe vs Alex Sullivan***

[26] Ara P.A. TM **18.9.2002** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***John Żarb vs Port Cottonera Ltd.***

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda tipprovdi dwar ir-Rikors tar-rikorrenti Chartwell Games (Malta) Limited billi:

**Tipprovdi dwar l-ewwel talba** tagħha billi tordna li l-ammont sekwestrat bis-saħħa tal-Mandat mertu tal-każ jitnaqqas għal erbgħin elf ewro (€ 40,000) iżda, mill-bqija tħalli fis-seħħ l-istess Mandat, u b'hekk tiċħad it-talba għat-tħassir tiegħu;

**Tiċħad it-talbiet l-oħrajn kollha** bħala mhux mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;

**Tordna** li, fiċ-ċirkostanzi, l-ispejjeż jibqgħu mingħajr taxxa bejn il-partijiet.

Mogħti kameralment illum, is-27 ta' Awwissu, 2008.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------